



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.1.2007  
KUMM(2007) 11 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/822/KE dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji barranin mal-Komunità Ewropea**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/822/KE dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji barranin mal-Komunità Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni<sup>1</sup>,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji Barranin mal-Komunità<sup>2</sup> (minn issa 'l quddiem imsejħa 'd-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni Barranija') tistabilixxi l-qafas legali għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Pajjiżi u Territorji Barranin (minn issa 'l quddiem imsejħa 'OCTs') u t-titjib tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejniethom u l-Komunità. Id-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni Barranija hi applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2011. Sabiex issejtni matul l-għaxar Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp (2008-2013) (minn issa 'l quddiem imsejħa 'l-għaxar EDF') u l-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013, għandha tkun estiża sal-31 ta' Diċembru 2013.
- (2) L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni Barranija jstabilixxi l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-perjodu 2000 sa l-2007. Fid-dawl ta' l-għaxar EDF il-ġdid, għandu jkun allokati l-ammont għall-perjodu 2008 sa l-2013.
- (3) Għandhom isiru dispożizzjonijiet għar-regoli li jirregolaw it-tranżizzjoni mid-disa' għall-għaxar EDF, sa fejn jirrigwarda l-OCTs. Dawk ir-regoli għandhom ikunu stabbiliti skond ir-regoli ġenerali dwar l-impenn ta' fondi tad-disa' EDF u ta' l-EDFs preċedenti wara l-31 ta' Diċembru 2007 stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2005/446/KE tar-Rappreżentanti ta' Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2005 li stabbilixxa l-iskadenza għall-impenn ta' fondi tad-disa' Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp<sup>3</sup> u fl-Artikolu 1(3) u (4) tal-Ftehim Intern li jstabilixxi l-għaxar EDF<sup>4</sup>.
- (4) Il-Ftehim Intern li jstabilixxi l-għaxar EDF jstabilixxi ammont globali ta' 286 miljun euro sabiex ikunu allokati lill-OCTs. It-tqassim ta' dak l-ammont bejn l-

---

<sup>1</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>2</sup> ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 156, 18.6.2005, p. 19.

<sup>4</sup> ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

istrumenti differenti għall-koperazzjoni dwar l-iżvilupp finanzjarju marbuta ma' l-EDF fuq naħa, u l-kriterji u l-elementi sabiex ikunu determinati l-allokazzjonijiet indikattivi inizjali ta' l-OCTs benefiċjarji fuq in-naħa l-oħra, għandhom jiġu stabbiliti.

- (5) Dwar it-taqsim mill-ġdid bejn l-istrumenti differenti għall-kooperazzjoni finanzjarja fl-iżvilupp marbuta ma' l-EDF, għandha tkun żgurata koordinazzjoni b'mod partikolari bejn l-appoġġ għall-kooperazzjoni reġjonali u l-integrazzjoni u l-appoġġ fil-livell territorjali, sabiex tissaħħaħ ir-reżistenza ta' l-OCTs fl-isfidi li qed jiffaċċjaw, immaterjalment mill-GNP per capita tagħhom jew elementi oħra użati sabiex jiddeterminaw l-allokazzjonijiet territorjali.
- (6) L-assistenza finanzjarja lill-OCTs għandha tkun allokata fuq il-bażi ta' kriterji standard, oġġettivi u trasparenti. Tali kriterji għandhom jinkludu b'mod partikolari l-livell ta' dħul ta' OCT, id-daqs tal-popolazzjoni tiegħu u l-kontinwità meta mqabbla ma' EDFs preċedenti. Għandu jkun riservat trattament speċjali għall-OCTs l-inqas żviluppati' msemmija fl-Anness I B tad-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni Barranija, kif ukoll għall-OCTs li, minħabba iżolament ġeografiku jew limitazzjonijiet oħra, għandhom aktar diffikultajiet sabiex jinvolvu rwieħhom f'kooperazzjoni u integrazzjoni reġjonali.
- (7) Għandha tingħata attenzjoni speċifika lit-tiżiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali ta' l-OCTs u t-tmexxija tajba, inkluża fil-qasam finanzjarju, dak ta' tassazzjoni u dak ġudizzjarju.
- (8) Għandha tingħata wkoll attenzjoni speċjali lit-tiżiħ tal-kooperazzjoni bejn l-OCTs, l-Istati ta' l-AKP u l-aktar reġjuni mbiegħda msemmija fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat jew atturi oħra fir-reġjuni rispettivi li fihom jinsabu l-OCTs.
- (9) It-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-iffinanzjar fir-rigward ta' l-operati tal-Faċilità ta' Investiment imsemmija fl-Anness II C tad-Deċiżjoni ta' Kooperazzjoni Barranija għandhom isiru konformi mar-reviżjoni ta' l-Artikoli korrispondenti fl-Anness II tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq in-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000<sup>5</sup>, kif rivedut u ffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005<sup>6</sup> (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija ta' l-AKP-KE").
- (10) Hu kruċjali li tkun żgurata l-kontinwità f'dak li jirrigwarda l-eliġibilità ta' l-OCTs għal finanzjament mill-linji tematiċi ġenerali tal-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, barra mill-EDF. Dawn ir-regolamenti ġenerali msemmija fl-Anness II E tad-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni Barranija jiskadu jew jiġu sostitwiti mir-[Regolament (KE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp] sa l-1 ta' Jannar 2007. L-Anness II E għandu għalhekk ikun emendat sabiex jissostitwixxi referenzi għal dawk ir-Regolamenti tematiċi b'referenza għall-istrument il-ġdid ta' finanzjament. Sabiex tkun żgurata l-kontinwità, din l-emenda għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.
- (11) Meta titqies ir-relazzjoni speċjali bejn l-OCTs u l-Istati Membri marbuta magħhom, il-parteċipazzjoni possibbli ta' l-OCTs fil-programmi Komunitarji orizzontali għandha tkun ġeneralizzata sabiex l-OCTs jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-programmi li huma

---

<sup>5</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehim kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kunsill tal-Ministri ta' l-AKP-KE (ĠU L 247, 9.9.2006, p. 22).

<sup>6</sup> ĠU L 209, 11.8.2005, p. 26.

miftuħa għall-Istati Membri li magħhom huma marbuta l-OCTs, soġġetti għar-regoli u l-għanjiet tal-programmi u l-arranġamenti applikabbli għall-Istati Membri li magħhom huma marbuta l-OCTs. Sabiex tippermetti s-sehem ta' l-OCTs sa mill-bidu tal-perjodu l-għdid ta' programmazzjoni, din l-emenda għandha tiddaħħal sa mill-1 ta' Jannar 2007.

- (12) L-emendi tekniċi preżenti huma mingħajr preġudizzju lejn reviżjoni sussegwenti tad-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni Barranija, partikolarment skond l-Artikolu 62 tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *L-Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE hi għalhekk emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 23, it-tieni paragrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

*"Il-proċeduri finanzjarji u ta' kontabilità applikabbli għall-kooperazzjoni finanzjarja fl-iżvilupp għall-OCTs permezz tad-disa' EDF għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju tad-disa' EDF. "Il-proċeduri finanzjarji u ta' kontabilità applikabbli għall-kooperazzjoni finanzjarja fl-iżvilupp għall-OCTs permezz ta' l-għaxar EDF għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju ta' l-għaxar EDF."*

- (2) Fl-Artikolu 24, jiżdied il-paragrafu li ġej:

*"9. Għall-implimentazzjoni ta' l-għaxar EDF, għandhom ikunu applikabbli d-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Ftehim Intern li jistabbilixxu l-għaxar EDF."*

- (3) Fl-Artikolu 25(1), "il-perjodu mill-2000 sa l-2007" hu sostitwit mill-"perjodi mill-2000 sa l-2007 u mill-2008 sa l-2013".

- (4) L-Artikolu 31 jinbidel b'dan li ġej:

### *"L-Artikolu 31*

#### *Assistenza teknika*

1. Fuq l-inizjattiva ta' jew f'isem il-Kummissjoni, studji jew assistenza teknika jistgħu ikunu finanzjati sabiex tkun żgurata t-tnejn, is-sorveljanza, l-evalwazzjoni u s-superviżjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-evalwazzjoni globali tad-Deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 1(1)(c) ta' l-Anness II A.

Studji jew miżuri ta' assistenza teknika bħal dawn għandhom ikunu finanzjati mill-allokazzjoni globali ta' għotjiet.

2. Fuq l-inizjattiva ta' l-OCT, studji jew miżuri ta' assistenza teknika jistgħu jkunu ffinanzjati frabta ma' l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet li jinsabu fl-SPD, soġġetti għall-opinjoni tal-Kummissjoni.

Fil-qafas tad-disa' EDF, tali studji jew miżuri ta' assistenza teknika għandhom ikunu ffinanzjati mill-allokazzjoni ta' l-OCT in kwistjoni. Fil-qafas ta' l-għaxar EDF, dawn għandhom ikunu ffinanzjati mill-allokazzjoni globali ta' l-għotja."

- (5) Jiddaħħal -Artikolu 33a li ġej:

"Artikolu 33a

1. Wara l-31 ta' Diċembru 2007, jew wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Intern li jstabbilixxi l-għaxar EDF jekk din id-data tiġi aktar tard, il-bilanċi mid-disa' EDF jew minn EDFs preċedenti m'għandhomx jibqgħu aktar kommessi, bl-eċċezzjoni tal-bilanċi u l-fondi dekommissi wara din id-data ta' dħul fis-seħħ li jirriżultaw mis-sistema li tiggarrantixxi l-istabbilizzazzjoni ta' qligħ mill-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli primarji (STABEX) taħt l-EDFs ta' qabel id-disa' EDF u l-bilanċi u r-rimborsi li jibqa' tal-fondi allokatati taħt id-disa' EDF sabiex ikunu ffinanzjati r-riżorsi tal-Faċilità ta' Investiment stabbiliti fl-Anness II C, esklużi s-sussidji fuq ir-rati ta' interessi relatati.

2. Fondi rilaxxati minn proġetti taħt id-disa' EDF wara l-31 ta' Jannar 2007 m'għandhomx jibqgħu aktar kommessi, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kunsill b'mod unanimu, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni tal-fondi STABEX dekommissi wara din id-data ta' dħul fis-seħħ li għandha tkun trasferita awtomatikament għall-programmi territorjali indikattivi ffinanzjati skond l-Artikolu 3(1) ta' l-Anness II Aa u tal-fondi allokatati taħt id-disa' EDF sabiex ikunu ffinanzjati r-riżorsi tal-Faċilità ta' Investiment stabbilita fl-Anness II C, esklużi s-sussidji fuq ir-rati ta' interessi relatati."

- (6) L-Artikolu 58 jinbidel b'dan li ġej:

"L-Artikolu 58

Programmi miftuħa għall-OCTs

Il-programmi Komunitarji għandhom japplikaw għal individwi minn OCT u fejn applikabbli mill-istituzzjonijiet u/jew korpi pubbliċi rilevanti f'OCT, soġġetti għar-regoli u l-għanijiet tal-programmi u l-arranġamenti applikabbli għall-Istat Membru li miegħu jkun marbuta. *Il-programmi għandhom japplikaw għal ċittadini ta' l-OCT fil-qafas tal-kwota għall-Istat Membru li miegħu ikun marbut l-OCT in kwistjoni, jekk il-programm involut juża tali kwota.*

Il-programmi ewlenin li jinsabu miftuħin għall-OCTs huma dawk imniżżla fl-Anness II F, kif ukoll kwalunkwe programm li jiġi warajhom."

- (7) Fl-Artikolu 63, "2011" għandha tkun sostitwita minn "2013".
- (8) *Fl-Artikolu 1(1)(c) ta' l-Anness II A, "sentejn" hi sostitwita minn "erba' snin".*
- (9) Wara l-Anness II A, iddaħħal Anness ġdid II Aa, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.
- (10) 2. L-Anness II B huwa emendat kif ġej:
- (a) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Ammont sa 20 miljun euro kif stabbilit fl-Artikolu 5 tal-Ftehim Intern li jistabbilixxi d-9 EDF għandu jkun ipprovdut mill-EIB fil-forma ta' self mir-riżorsi tiegħu stess skond il-kundizzjonijiet previsti mill-istatuti tiegħu u dan l-Anness

2. Ammont sa 30 miljun euro kif stabbilit fl-Artikolu 3 tal-Ftehim Intern li jistabbilixxi l-għaxar EDF għandu jkun ipprovdut mill-EIB fil-forma ta' self mir-riżorsi tiegħu stess skond il-kundizzjonijiet previsti mill-istatuti tiegħu f'dan l-Anness.”

(b) Fl-Artikolu 2(2), l-punt (c) hu mibdul b'dan li ġej:

"(c) waqt il-perjodu kopert mid-9 EDF, l-ammont tas-sussidju fuq ir-rati ta' interess ikkalkolat f'termini tal-valur tiegħu fiż-żminijiet ta' sborż tas-self għandu jkun iddebitat kontra l-allokkazzjoni ta' sussidju fuq l-interessi stabbilita fl-Anness II A, l-Artikolu 3(3)(d), u jitħallas direttament lill-EIB;

Waqt il-perjodu kopert mill-għaxar EDF, l-ammont tas-sussidju fuq ir-rati ta' interess ikkalkolat f'termini tal-valur tiegħu fiż-żminijiet ta' sborż tas-self għandu jkun iddebitat kontra l-allokkazzjoni ta' sussidju fuq l-interess stabbilita fl-Anness II Aa, l-Artikolu 1(1)(b), u jitħallas direttament lill-EIB;

Sussidji fuq l-interessi jistgħu jkunu kapitalizzati jew użati fil-forma ta' għotjiet sabiex jappoġġjaw assistenza teknika marbuta ma' proġetti, partikolarment għal istituzzjonijiet finanzjarji fl-OCTs.”

(11) L-Anness II C huwa mibdul bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

(12) L-Anness II E huwa mibdul bit-test stabbilit fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

(13) L-Anness II F huwa mibdul bit-test stabbilit fl-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni.

## *L-Artikolu 2*

### *Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara li tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Madankollu, l-Artikolu 1 u l-Artikolu 6, (12) u (13) għandhom jgħoddu mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## **ANNEX I**

"ANNEX II Aa

### **ASSISTENZA FINANZJARJA KOMUNITARJA: L-għaxar EDF**

#### L-Artikolu 1

Allokazzjoni bejn l-istrumenti varji

1. Għall-għanijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għall-perjodu ta' sitt snin mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ammont globali ta' assistenza finanzjarja Komunitarja ta' 286 miljun euro taħt l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) stabbilit bil-Ftehim Intern għandu jkun allokat kif ġej:

(a) 250 miljun euro fil-forma ta' għotjiet għal appoġġ programmabbli għal żvilupp fuq żmien twil, għajjnuna umanitarja, għajjnuna ta' emerġenza, għajjnuna lir-refuġjati u għajjnuna addizzjonali fil-każ ta' tibdil fil-qligħ mill-esportazzjoni kif ukoll għal appoġġ għal kooperazzjoni u integrazzjoni reġjonali.

(b) 30 miljun euro għandhom ikunu allokat i sabiex tkun iffinanzjata l-Faċilità ta' Investiment ta' l-OCT imsemmija fl-Anness II C u li minnha jitwarrab ammont massimu ta' 1,5 miljun euro sabiex jiffinanzja s-sussidji ta' l-interessi għal operazzjonijiet finanzjati mill-Bank mir-riżorsi tiegħu stess, skond l-Anness II B, jew taħt il-Faċilità ta' Investiment ta' l-OCT.

(c) 6 miljun euro għandhom ikunu allokat i għal studji jew miżuri ta' assistenza teknika skond l-Artikolu 31 tad-Deċiżjoni preżenti.

2. Il-fondi ta' l-għaxar EDF m'għandhomx ikunu kommessi wara l-31 ta' Diċembru 2013, sakemm il-kunsill ma jiddeċidix mod ieħor b'mod unanimu, wara proposta mill-Kummissjoni.

3. Jekk il-fondi previsti fil-paragrafu 1 jispiċċaw qabel ma tiskadi d-Deċiżjoni, il-Kunsill għandu jieħu l-miżuri xierqa.

#### L-Artikolu 2

It-tmexxija tar-riżorsi

L-EIB għandu jamministra s-self mir-riżorsi tiegħu stess imsemmi fl-Anness II B, kif ukoll l-operazzjonijiet iffinanzjati taħt il-Faċilità ta' Investiment ta' l-OCT imsemmija fl-Anness II C. Ir-riżorsi finanzjarji l-oħra kollha taħt din id-deċiżjoni għandhom jitmexxew mill-Kummissjoni.

#### L-Artikolu 3

L-Allokazzjoni bejn l-OCTs

L-ammont ta' 250 miljun euro msemmi fl-Artikolu 1(1)(a) għandu jkun allokat fuq il-bażi tal-ħtiġijiet u l-prestazzjoni ta' l-OCTs skond il-kriterji li ġejjin:

1. Ammont A ta' 195 miljun euro għandhom ikunu allokat i lill-OCTs b'mod partikolari sabiex ikunu finanzjati l-inizjattivi msemmija fid-Dokumenti ta' Programmazzjoni Waħdanija,

inklużi l-azzjonijiet prioritarji għall-iżvilupp soċjali u l-ħarsien ambjentali, fil-qafas tal-ġlieda kontra l-faqar. Id-Dokumenti ta' Programmazzjoni Waħdanija kollha għandhom jaqgħu attenzjoni partikolari lil azzjonijiet immirati sabiex isaħħu l-kapaċitajiet istituzzjonali ta' l-OCTs benefiċjarji u lill-livell ta' tmexxija u tal-firxa u l-kalendarju ta' riformi.

L-allokkazzjoni ta' l-ammont A għandha tqis id-daqs tal-popolazzjoni, il-livell tal-GNP, il-livell ta' allokkazzjonijiet ta' l-EDF preċedenti, limitazzjonijiet minħabba iżolament ġeografiku u ostakoli strutturali u ostakoli oħra ta' l-OCTs l-inqas żviluppati msemmija fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni. Kwalunkwe allokkazzjoni għandha tkun tali li tippermetti l-użu effettiv tagħha. Għandha tkun deċiża f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Dan l-ammont għandu fil-prinċipju jkun allokat lill-OCTs bi Prodott Gross Nazzjonali (GNP) per capita li ma jaqbiżx il-GNP tal-Komunità, skond id-data statistika disponibbli.

2. Għandhom ikunu allokat 40 miljun Euro sabiex ikunu appoġġjati l-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali skond l-Artikolu 16 ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-azzjonijiet ta' djalogu u sħubija stabbiliti fl-Artikolu 7, tfejjiġja għal diżastri reġjonali u inizjattivi ta' taffija u, b'koordinazzjoni ma strumenti finanzjarji oħra tal-Komunità, kooperazzjoni bejn l-OCTs u l-aktar reġjuni mbiegħda msemmija fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat.

3. L-ewwel paragrafu ta' dan l-artiklu m'għandux japplika għal Greenland.

4. Għandha titwarrab riserva B mhix allokata ta 15-il miljun euro sabiex:

(a) tiffinanzja għajnuna umanitarja, ta' emerġenza u għajnuna lil refuġjati għall-OCTs u, jekk ikun meħtieġ, iżjed appoġġ fil-każ ta' tibdil fil-qliġh mill-esportazzjoni, skond l-Anness II D;

(b) tagħmel allokkazzjonijiet ġodda skond l-iżvilupp tal-ħtiġijiet u l-prestazzjoni ta' l-OCTs imsemmija taħt il-paragrafu 1.

Il-prestazzjoni għandha tkun evalwata b'mod oġġettiv u trasparenti, u tqis l-użu ta' riżorsi allokat, l-implimentazzjoni effettiva ta' operazzjonijiet li għadhom għaddejnin, l-għajnuna u t-tnaqqis tal-faqar u l-miżuri ta' żvilupp sostenibbli adottati.

5. Skond il-paragrafi t'hawn fuq, l-ammonti indikattivi allokat taħt l-għaxar EDF għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 24 ta' din id-Deċiżjoni.

6. Il-Kummissjoni, wara reviżjoni fit-terminu l-medju, tista' tiddeċiedi allokkazzjoni differenti tal-fondi msemmija f'dan l-Artikolu. Il-proċeduri għal din ir-reviżjoni u d-deċiżjoni dwar kwalunkwe allokkazzjoni ġdida għandhom ikunu adottati skond l-Artikolu 24 ta' din id-Deċiżjoni.

## L-ANNESS II

### *"L-ANNESS II Ċ"*

## **ASSISTENZA FINANZJARJA KOMUNITARJA:IL-FAĊILITÀ TA' INVESTIMENT TA' L-OCT**

### *L-Artikolu 1*

#### L-Għan

Għandha titwaqqaf faċilità ta' Investiment ta' l-OCT (minn issa 'l quddiem msejħa bħala "l-Faċilità") sabiex tippromwovi impriżi kummerċjalment vijabbli, prinċipalment fis-settur privat imma anke dawk fis-settur pubbliku li jappoġġjaw żvilupp fis-settur privat.

It-termini u l-kundizzjonijiet għall-finanzjament frabta ma' l-operazzjonijiet tal-Faċilità, is-self mir-riżorsi proprji ta' l-EIB għandhom ikunu kif stabbiliti f'dan l-Anness u fl-Anness II B. Għall-implimentazzjoni tad-disa' EDF, għandhom japplikaw l-Artikoli 29 u 30 tal-Ftehim Intern tad-disa' EDF. Għall-implimentazzjoni ta' l-għaxar EDF, għandhom ikunu applikabbli d-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Ftehim Intern li jstabbilixxi l-għaxar EDF.

Dawn ir-riżorsi jistgħu jkunu kanalizzati lil intrapriżi eliġibbli, direttament jew indirettament, permezz ta' fondi eliġibbli ta' investiment u/jew intermedjarji finanzjarji.

### *L-Artikolu 2*

#### Rozorsi tal-Faċilità

1. Ir-riżorsi tal-Faċilità jistgħu jintużaw, *inter alia*, sabiex:

(a) jipprovdu kapitali friskju fil-forma ta':

- (1) Parteċipazzjoni ta' ekwità fl-intrapriżi ta' l-OCT, inklużi istituzzjonijiet finanzjarji;
- (2) Assistenza kważi-kapitali għal intrapriżi ta' l-OCT, inklużi istituzzjonijiet finanzjarji;
- (3) garanziji u tisħiħ ta' kreditu ieħor li jistgħu jintużaw sabiex ikopru r-riskji kemm politiċi u oħrajn relatati mal-investment, kemm għall-investituri barranin u lokali jew inkella għan dawk li jsellfu.

(b) jipprovdu self ordinarju.

2. Il-parteċipazzjoni b'ekwità għandha normalment tkun għal beni minoritarji li ma jikkontrollawx u għandha tkun remunerata fuq il-bażi tal-prestazzjoni tal-proġett in kwistjoni.

3. Għajjnuna kważi-kapitali tista' tikkonsisti minn ħlasijiet bil-quddiem ta' l-azzjonisti, *bonds* konvertibbli, self kondizzjonali, subordinat u parteċipanti jew kull forma oħra simili ta' għajjnuna. Tali assistenza tista tkun tikkonsisti b'mod partikolari minn:

- (a) Self kondizzjonali, li s-servizz u/jew it-tul tiegħu għandu jkun marbut mal-kisba ta' ċerti kondizzjonijiet b'rabta mal-prestazzjoni tal-proġett; Fil-każ speċifiku ta' self kondizzjonali għal studji ta' qabel l-investment jew assistenza teknika oħra marbuta ma' proġetti, is-servizz jista' jitneħħa jekk ma jitwettaqx l-investment;
- (b) Self parteċipattiv, li s-servizz u/jew it-tul tiegħu għandu jkun marbut mad-dħul finanzjarju tal-proġett;
- (c) Self subordinat, li għandu jitħallas lura biss wara li jkunu ngħalqu t-talbiet.

4. Ir-rimunerazzjoni ta' kull operat għandu jiġi speċifikat meta jsir is-self.

Madanakollu:

(a) fil-każ ta' self kundizzjonali jew parteċipattiv, ir-rimunerazzjoni għandha normalment tinkludi rata ta' interess fissa ta' mhux aktar minn 3% u komponent varjabbli marbut mal-prestazzjoni tal-proġett;

(b) fil-każ ta' self subordinat, ir-rata ta' interess għandha tkun b'rabta mas-suq.

5. Garanziji għandhom jiġu prezzati sabiex jiġu riflessi r-riskji assikurati u l-karatteristiċi partikolari ta' l-operat.

6. Ir-rata ta' imgħax ta' self ordinarju għandu jikkompreni rata ta' riferenza applikata mill-EIB għal self komparabbli ma' l-istess termini u kondizzjonijiet bħal perjodi ta' grazzja u ta' ħlas lura u mark up stabbilita mill-EIB.

7. Self ordinarju jista' jiġi estiż fuq termini u kondizzjonijiet kummerċjali fil-każijiet li ġejjin:

(a) għal proġetti ta' infrastruttura fl-OCTs l-Inqas Żviluppati, f'OCTs ta' wara l-kunflitt jew f'OCTs ta' wara diżastru naturali li huma prerekwiżiti għall-iżvilupp tas-settur privat. F'każijiet bħal dawn, ir-rata ta' interessi tonqos bi 3%;

(b) għal proġetti li jinvolvu operazzjonijiet ta' ristrutturar fil-qafas ta' privatizzazzjoni jew għal proġetti b'benefiċċji soċjali jew ambjentali sostanzjali u li jidhru biċ-ċar. F'każijiet bħal dawn, is-self jista' jkun estiż b'sussidju fuq ir-rati ta' interessi li l-ammont u l-forma tiegħu jkunu deċiżi skond il-karatteristiċi partikolari tal-proġett. Madanakollu, is-sussidju fuq ir-rati ta' interessi m'għandux ikun ogħla minn 3%.

Ir-rata finali ta' self li jaqa' taħt (a) jew (b) m'għandha qatt, u fi kwalunkwe każ, tkun inqas minn 50% tar-rata ta' referenza.

8. Il-fondi provduti għal dawn l-għanijiet konċessjonali jsiru disponibbli mill-Faċilità ta' Investment u m'għandhomx jaqbżu l-5% ta' l-ammont globali allokat għall-finanzjament ta' investment mill-Faċilità ta' Investment u mir-riżorsi proprji tal-Bank.

9. Is-sussidji fuq l-interess jistgħu ikunu kapitalizzati jew jistgħu jintużaw f'forma ta' għotjiet. Sa 10% tal-baġit għas-sussidji fuq ir-rati ta' interessi jistgħu jintużaw sabie jappoġġjaw assistenza teknika marbuta ma' proġetti, partikolarment għal istituzzjonijiet finanzjarji fl-OCTs.

### *L-Artikolu 3*

#### L-operat tal-Faċilità ta' Investiment

1. Il-Faċilità ta' Investiment għandha topera fis-setturi ekonomiċi kollha u tappoġġja investimenti ta' entitajiet privati u dawk pubbliċi mmexxija kummerċjalment, inkluża infrastruttura ekonomika u teknoloġika li tiġġenera d-dħul għas-settur privat. Il-Faċilità għandha:

(a) titmexxa bħala fond rotanti bl-għan li tkun finanzjarjament sostenibbli. L-operati tagħha għandhom ikunu f'termini u kundizzjonijiet marbuta mas-suq u għandhom jevitaw il-ħolqien ta' distorsjonijiet fi swieq lokali u l-ispustjar ta' sorsi privati ta' finanzi;

(b) tappoġġja s-settur finanzjarju ta' l-OCT u jkollha effett katalitiku billi tinkoraġġixxi l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi lokali fit-terminu t-twil u tiġbed lejha investituri privati barranin u dawk li jisilfu għal proġetti fl-OCTs.

(c) terfa' parti mir-riskju tal-proġetti li tiffinanzja, bis-sostenibbiltà finanzjarja tagħha żgurata permezz tal-portafoll sħiħ u mhux b'interventi individwali; and

(d) tfittex li tikkanalizza fondi permezz ta' l-istituzzjonijiet u l-programmi ta' l-OCT li jippromwovu l-iżvilupp ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs).

2. L-EIB għandu jkun remunerat għall-ispiża mġarrba fit-tmexxija tal-Faċilità ta' Investiment. Għall-ewwel sentejn wara d-dħul fis-seħħ tat-tieni protokoll finanzjarju, din ir-rimunerazzjoni għandha tkun sa 2% kull sena tad-dotazzjoni totali tal-bidu tal-Faċilità ta' Investiment. Minn hemm 'il quddiem, ir-rimunerazzjoni ta' l-EIB għandha tinkludi komponent fiss ta' 0,5 % kull sena tad-dotazzjoni tal-bidu u komponent varjabbli ta' ammont sa 1,5 % fis-sena tal-portafoll tal-Faċilità ta' Investiment li jkunu investiti fi proġetti fl-OCTs. Ir-rimunerazzjoni għandha tkun iffinanzjata mill-Faċilità ta' Investiment.

3. Ma l-iskadenza ta' din id-Deċiżjoni u fl-assenza ta' deċiżjoni speċifika mill-Kunsill, il-mixi mill-ġdid kumulattiv lill-Faċilità għandu jinġarr lejn l-Investment Finanzjarju ta' l-OCT li jkun imiss.

### *L-Artikolu 4*

#### Kundizzjonijiet għar-riskju tar-rati tal-kambju barranin

Sabiex ikunu minimizzati l-effetti tat-tibdil fir-rati tal-kambju, il-problemi tar-riskju fir-rati tal-kambju għandhom ikunu indirizzati kif ġej:

(a) fil-każ ta' parteċipazzjoni b'ekwità mfassla sabiex issaħħaħ il-fondi proprji ta' intrapriża, ir-riskju tar-rata tal-kambju għandu, bħala regola ġenerali, jkun assorbit mill-Faċilità;

(b) fil-każ ta' finanzjament ta' kapital ta' riskju għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ir-riskju tar-rati tal-kambju għandu, bħala regola ġenerali, jinqasam bejn il-Komunità fuq naħa, u l-partijiet involuti fuq in-naħa l-oħra. Bħala medja, ir-rata ta' kambju barranija għandha tinqasam ugwalment;

(ċ) fejn possibbli u xieraq, partikolarment fpajjizi karatterizzati minn stabilita makroekonomika u finanzjarja, il-Faċilità se tisforza sabiex testendi self fmuniti lokali ta' l-OCT, b'hekk tkun qed tieġu r-riskju fir-rata tal-kambju."

**L-ANNESS III**

"L-ANNESS II E

**ASSISTENZA FINANZJARJA KOMUNITARJA: GĦAJNUNA BAĠITARJA GĦAL PAJJIŻI LI QEGĦDIN JIŻVILUPPAW**

Bla preġudizzju għal modifikazzjonijiet ta' dispożizzjonijiet baġitarji fil-ġejjieni, l-OCTs għandhom jibbenefikaw mill-azzjonijiet li ġejjin imbassra għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea:

1. Programmi tematiċi koperti mir-[Regolament (KE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi Strument ta' Finanzjament għal Kooperazzjoni fl-Iżvilupp (DCI)] li jipprovdi appoġġ dirett għall-politika ta' żvilupp u kooperazzjoni tal-Komunità Ewropea.
2. Operazzjonijiet ta' rijabilitazzjoni u rikostruzzjoni kif koperti mir-[Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Stabbiltà].
3. Għajnuna umanitarja kif imbassra fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 ta' l-20 ta' Ġunju 1996 dwar għajnuna umanitarja<sup>7</sup>."

---

<sup>7</sup> ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1.

## **L-ANNESS IV**

### **"L-ANNESS II F**

#### **ASSISTENZA KOMUNITARJA OĦRA: PARTEĊIPAZZJONI FI PROGRAMMI KOMUNITARJI**

Skond l-Artikolu 58 tad-Deċiżjoni, il-programmi li ġejjin u kwalunkwi programmi li jiġu warajhom, fost oħrajn, għandhom japplikaw għal ċittadini ta' l-OCT, fil-qafas tal-kwota għall-Istat Membru li miegħu ikun marbut l-OCT in kwistjoni jekk il-programm involut juża tali kwota:

1. Programmi edukattivi u ta' taħriġ:

- Programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (2007-2013), adottat bid-Deċiżjoni 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006<sup>8</sup>;
- Il-programm 'Żgħażaġħ fl-Azzjoni' (2007-2013), stabbilit bid-Deċiżjoni 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006<sup>9</sup>;

2. Il-programmi tal-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) (2007-2013), stabbilit bid-Deċiżjoni 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006<sup>10</sup>.

3. Il-programmi tas-seba' programm ta' qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 sa 2013), imwaqqaf bid-Deċiżjoni [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] <sup>11</sup>.

4. Programmi kulturali u awdjo-viżivi:

- Programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007), imwaqqaf bid-Deċiżjoni 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006<sup>12</sup>;
- Kultura 2007 (2007-2013), imwaqqaf bi [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] <sup>13</sup>

5. Il-programm Ġappuniż (HRTP) (programm ta' taħriġ fir-risorsji umani fil-Ġappun) u misjonijiet topikali, imwaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/278/KEE tat-18 ta' Mejju 1992<sup>14</sup>.

---

<sup>8</sup> ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45.

<sup>9</sup> ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30.

<sup>10</sup> ĠU L 310, 09.11.2006, p. 15.

<sup>11</sup> ĠU L [...], [...], p. [...].

<sup>12</sup> ĠU L 327, 24.11.2006, p. 12.

<sup>13</sup> ĠU L [...], [...], p. [...].

<sup>14</sup> ĠU L 144, 26.5.1992, p. 19.